MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Appell Civili Numru. 54/2012/1

**Alfred Joseph Baldacchino**

**v.**

**L-Avukat Generali**

## Preliminari

**1.** Dan hu appell maghmul mir-rikorrent minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, fit-18 ta' Jannar 2013, li biha dik il-Qorti ddecidiet billi cahdet it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra tieghu.

**2.** Fir-rikors promotur, ir-rikorrent talab li l-Qorti tiddikjara illi l-interpretazzjoni li taw il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Alfred Joseph Baldacchino fil-kwalita' tieghu bhala Gran Mastru tal-Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri v. Carmel Sandro Calleja u David Formosa** [Citazz. 342/05], hija inkompatibbli mad-dispost tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem [il-Konvenzjoni] u l-Artikolu 39 [2] tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni]; u talab li, konsegwentement jigi dikjarat li l-qrati taghna ghandhom gurisdizzjoni jikkunsidraw il-mertu tal-kawza fuq citata. Ir-rikorrent talab ukoll li jinghata rimedji xierqa ghat-twettieq ta' dan id-dritt fundamentali tieghu; kif ukoll, sabiex *pendente lite* din il-Qorti taghti provvediment *ad interim* b'mod urgenti fis-sens li l-intimati m'ghandhomx izommu kwalsiasi cerimonja ta' investitura ta' kavallieri godda jew xorta ohra fl-imsemmi Ordni Kavalleresk.

**<u>Il-Fatti</u>**

**3.** Ir-rikorrent ghamel dawn it-talbiet wara li ppremetta li hu kien ipprezenta l-kawza fl-ismijiet premess quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

**4.** F'dik il-kawza, huwa ppremetta li hu kien gie mahtur Gran Mastru *ad vitam* tal-imsemmi Ordni skont dokumenti prezentati minnu; li l-konvenuti, b'mod abbuziv u illegali, qeghdin falsament jipprestaw lilhom infushom, l-intimat [allura konvenut] Calleja bhala Vigarju Gran Mastru tal-Ordni *de quo*, u l-intima l-iehor [allura konvenut] Formosa bhala Gran Kancillier tal-istess Ordni, juzaw *letterheads* bl-istess emblema u isem tal-Ordni u jorganizzaw laqghat hawn Malta, kif ukoll organizzaw diversi cerimonji ta' investitura; konsegwenza ta' dan, l-attur kien talab u ottjena kontra l-konvenuti mandat ta' inibizzjoni [numru 475/2005]. Ghalhekk huwa talab li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex, *inter alia*:

"… … tiddikjara illi meta l-konvenuti pprestaw ruhhom bhala Vigarju Gran Mastru/Reggent u bhala Gran Kancillier rispettivament tal-*Ordo Byzantinus Sancti*

*Sepulchri*, huma ghamlu hekk illegalment u abbuzivament stante li m' humiex awtorizzati ... ... u li tordna lill-konvenuti sabiex jiddezistu milli jippretaw ruhhom bhala Vigarju Gran Mastru/Reggent u bhala Gran Kancillier rispettivament tal-*Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri*, u sabiex jiddesistu milli jagixxu f' isem l-istess Ordni."

**5.** Illi l-intimat, allura konvenut, Carmel Sandro Calleja, laqa' ghal dawn it-talbiet billi, in linea preliminari eccepixxa li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ma kellhiex gurisdizzjoni li tisma' l-kawza, u li ghalhekk, l-istess konvenut ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**6.** Illi b'sentenza moghtija fl-10 ta' April 2008 dik il-Qorti laqghet l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut Carmel Calleja u ddikjarat li hija ma setghetx tiehu konjizzjoni tal-kawza ghaliex jekk taghmel hekk tkun qed taghti rikonoxximent lil Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri u b'hekk tkun qed tmur kontra d-dispozizzjonijiet tal-Att dwar Gieh ir-Repubblika. Din is-sentenza giet sussegwentement konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 Gunju 2012.

**7.** Fir-rikors promotur tal-proceduri odjerni, ir-rikorrent fisser li minhabba l-pozizzjoni li hadu l-qrati:

"… … gie mqieghed f'sitwazzjoni fejn huwa ghandu pretensjoni u ma jistax jadixxi lil ebda Qorti sabiex jottjeni dikjarazzjoni gudizzjarja fuq tali pretensjoni. Huwa jippretendi li ghandu d-dritt imexxi din l-ghaqda hekk imsejha *Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri* u dan ai fini u effetti biss tal-istess statut tal-organizzazzjoni minnu mmexxija, mentri l-intimati Calleja u Formosa wkoll qed jippretendu li tmiss lilhom it-tmexxija tal-istess ghaqda.

"Illi pero', bil-proceduri msemmija, l-esponent ma ppretendiex li jkollu l-kariga u t-titolu tieghu rikonoxxuti mill-Istat. L-Ordni fuq imsemmija bhal kwalsiasi assoccjazzjoni ohra ghandha wkoll l-istatut u r-regolamenti taghha u, diment li din m'hijiex qed tagixxi lil hinn mill-ordni pubbliku, ghandha d-dritt bhal kwalsiasi socjeta' ohra li tissussisti u li tgawdi mill-protezzjoni tal-ligi.

Bid-dikjarazzjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell illi l-Qrati Civili m'ghandhomx gurisdizzjoni, l-esponent m'ghandux forum fejn din id-divergenza tista' tigi indirizzata.

"Illi huwa accettat fil-ligi u l-gurisprudenza kemm dik tal-Qrati taghna u kif ukoll f'dik tal-Qorti Ewropea, illi d-dritt ta' smiegh xieraq jinkludi wkoll access ghall-Qrati u dan kif stabbilit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea Drittijiet ghad-Drittijiet tal-Bniedem u anke fl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.

"Illi in oltre d-dritt ta' access ghall-Qorti japplika addirittura fl-istadju tal-mandati kawtelatorji … ….

*"................................omissis ..........................................."*

**8.** Illi kif fuq indikat, l-ewwel Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrenti, u dan, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi r-rikorrent jallega li huwa gie mahtur Gran Mastru ghal tul hajtu tal-Ordni *Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri* u li hemm persuni ohra li qed jippretendu li jokkupaw karigi gholja f'din l-istess Ordni. Ir-rikorrent jallega li dan qed isir b'mod abbuziv u fetah proceduri civili sabiex izomm lil dawk il-persuni l-ohra milli jkomplu jagixxu bhala ufficjali tal-Ordni. Dawk il-proceduri gew imwarrba peress li gie deciz, mill-qrati ordinarji taghna, l-qrati civili ma ghandhomx gurisdizzjoni jidhlu f'kwistjonijiet ta' titoli ta' nobbilta' jew ta' xi Ordni bhal din, u dan bis-sahha talartikolu 29(4) tal-Att dwar Gieh ir-Repubblika (Kap. 251 tal-Ligijiet ta' Malta). Issa l-istess rikorrenti qed jallega li dan jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu garantiti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni, u dan peress li, skont hu gie mcahhad mid-dritt ta' access ghall-qorti.

"Biex ir-rikorrent isostni dak li qed jallega irid juri li hu munit bi dritt civili li jimmerita li jkun kawtelat. F'kaz ta' titoli

ta' nobbilta' jew marbuta ma' Ordni bhal dik meritu ta' dan ilkaz, l-Istat Malti ha decizjoni politika li Malta tkun Repubblika, u li, kwindi, titoli ta' nobbilita' (li huma derivanti minn monarkija) ma jkunux rikonoxxuti ufficcjalment f'Malta. Ir-rikorrent ma jistax, allura, jippretendi xi haga li l-Istat, bhala principju, ma jirrikonoxxix. Ir-rikorrenti ma jistax jippretendi bhala dritt civili, dak li l-ligi ma taghtihx.

"Inoltre, titolu marbut ma' Ordni *ut sic* ma jistax jitqies bhala "possediment" ghall-fini tal-Konvenzjoni Ewropea. Wiehed ma jridx jinsa li l-Gvern, bl-Att dwar Gieh ir-Repubblika, la nehha dawk it-titoli u, aktar importanti, lanqas ma zvesta lill-pretiz nobbli mill-proprjeta' annessa ma' dak it-titolu (artikolu 28(2) tal-Kap. 251). Kwindi, kif jinghad fil-ktieb imsemmi ta' van Dijk and van Hoof, (ibid pagna 620), *"The basic point of departure appears to be the economic value of the right or interest: where State measures do no affect this economic value, no responsibility under Article 1 is engaged".*

"Fil-fatt, il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza ***"Pilar de la Cierva Osorio de Moscoso et vs Spain",*** deciza fit-28 ta' Ottubru, 1999, kienet osservat b'mod car li *"a nobility title cannot, as such, be regarded as amounting to a 'possession' within the meaning of that provision",* cioe', l-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni.

"Punt simili gia' gie diskuss u deciz hawn Malta mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz "Bugeja Viani vs Avukat Generali", deciz fl-20 ta' Frar, 2009, u intqal li l-ilment bhal dak meritu ta' din il-kawza mhux tutelabbli bhala dritt fondamentali. Dik il-Qorti osservat illi:

""8. In-non-rikonoxximent ta' tali titolu – u dejjem salv dak lijipprovdi l-Artikolu 28(2) imsemmi – igib ukoll bhala konsegwenza li l-Artikoli 6(1) u 13 tal-Konvenzjoni ma humiex applikabbli – ara, a propozitu d-decizjonijiet tal-Qorti ta' Strasbourg fl-ismijiet ***Wolff Metternich v.Netherlands*** (18 ta' Mejju 1999) u ***Bernadotte v.***

***Sweden*** (3 ta' Gunju 2004). F'din l-ahhar sentenza in partikolari jinghad hekk:

*""The applicant complained that it was not possible for him under Swedish law to challenge the current King's refusal to restore his title of prince. This entailed a violation of his right to a fair hearing before an independent and impartial tribunal under Article 6 of the Convention. In the alternative, he submitted, this state of affairs amounted to a violation of his right to an effective remedy as guaranteed by Article 13. In addition, the applicant alleged that the manner in which his case had been handled amounted to discrimination on grounds of "birth or other status", in breach of Article 14 taken together with Articles 6, 8 and 13."*

*"The Government invited the Court to declare inadmissible the complaints under Articles 6 and 13, as being incompatible rationae materiae, as well as the complaint under Article 14."*

*"The Court, for its part, bearing in mind its findings above with respect to Article 8, considers that the dispute in question did not concern a "right" that could arguably be said to be recognised under domestic law or an arguable claim of violation of the Convention. Articles 6 and 13 too were therefore inapplicable and so was Article 14"."*

## <u>L-Appell</u>

*L-ewwel aggravju*

**9.** Permezz ta' dan l-aggravju, ir-rikorrent qed jilmenta minn dik il-parti tas-sentenza appellata, fejn l-ewwel Qorti osservat li hu ma jistax jippretendi bhala dritt civili, dak li l-ligi ma tatihx. Hu jishaq li l-kwistjoni ma kinitx wahda ta' rikonoxximent ta' titolu mill-Istat Malti, izda hija wahda interna. Jghid:

"... … [ir-rikorrent] jikkontendi li huwa ghandu jkollu t-treggija ta' din l-ghaqda hekk imsejjha Ordni filwaqt li fil-frattemp Calleja u Formosa qed jinnominaw membri

godda u jzommu cerimonji interni bil-pretenzjoni li ghandhom is-seta' jidderigu l-Ordni huma. Il-kwistjoni hija wahda interna bejn il-membri....

"... … [ir-rikorrent] m'huwiex jippretendi li l-pubbliku in generali jibda jsejjahlu 'granmastru' izda sempliciment illi Calleja u Formosa jigu inibiti milli jagixxu internament fi hdan din l-ghaqda bhal li kieku kellhom it-tregija taghha. Qed tintuza l-kelma ghaqda apposta – ghaliex ai fini ta' l-ilment ta' l-esponent ma taghmilx differenza jekk l-assocjazzjoni in kwistjoni tissemmhiex ghaqda jew Ordni... ... .... Mhuwiex eskluz illi zewg membri ta' ghaqda li ssejjah lilha nnifisha Ordni jaghmlu kawza biex jigi determinat min ghandu t-tregija tagha."

"... ... f'certi kazijiet in-nuqqas ta' l-Istat li jirrikonoxxi dritt fil-fatt ukoll imur kontra r-rekwiziti ta' l-Artikolu 6[1] ....

"Dak li l-Qorti trid tezamina huwa jekk il-ligi taghna tirrikonoxxix u tenforzax statuti u dokumenti interni ta' ghaqdiet. Huwa minn hawn li jemergi d-dritt civili li a bazi tieghu l-esponent jezigi access ghall-Qorti, u mhux minn dritt ta' rikonoxximent ta' titlu."

**10.** Din il-Qorti tosserva li, kemm l-Artikolu 6[1] tal-Konvenzjoni, kif ukoll l-Artikolu 39 [2] tal-Kostituzzjoni, iqeghdu bhala wiehed mill-elementi ghall-applikazzjoni taghhom, id-determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi civili. Jehtieg li jkun hemm kontestazzjoni dwar dritt civili li jkun *"at least on arguable grounds"*, rikonoxxut fil-ligi domestika. Hekk fil-kaz **Gutfreund v. France**[1] il-Qorti Ewropeja osservat hekk:

*"As to whether there was a 'dispute' [contestation] over 'civil rights and obligations', the Court reiterates its settled case-law on this point: 'For Article 6[1] under its 'civil' head to be applicable, there must be a dispute' [contestation in the French text] <u>over a 'right' which can be said, at least on arguable grounds, to be recognized</u>*

[1] Q.E.D.B deciza 12 Gunju 2003 Appl.45681/99 – para.38 - sottolinear ta' din il-Qorti; Ara wkoll **Ashingdane v. United Kingdom** App.8225/78 – para.55

*under domestic law. The 'dispute' must be genuine and serious; it may relate only to the actual exitence of a right but also to its scope and the manner of exercise ...... the right must be civil in character.[ (see, among other authorities, Sporrong and Lönnroth v. Sweden, judgment of 23 September 1982, Series A no. 52, p. 30, § 81; Masson and Van Zon v. the Netherlands, judgment of 28 September 1995, Series A no. 327-A, p. 17, § 44; and Fayed v. the United Kingdom, judgment of 21 September 1994, Series A no. 294-B, pp. 45-46, § 56].."*

**11.** Dan l-element ta' dritt civili li jrid jezisti, almenu *"on arguable grounds"*, ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 6, jifforma l-bazi tal-vertenza in dizamina, u ghandu jigi ezaminat fid-dawl tad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar Gieh ir-Repubblika Kap. 251, u precizament l-Artikoli 28 u 29, fil-parti relevanti taghhom jaqraw hekk:
"28[1] It-titoli ta' nobbilta' m'humiex rikonoxxuti u kull privilegg jew dritt iehor ancillari ghal xi titolu bhal dak ghandu jispicca milli jkollu effett.

"28[3] Kull kundizzjoni fl-att jew dokument iehor ta' fondazzjoni, jew f' xi dokument iehor, li jehtieg l-uzu ta' titolu ta' nobbilta' jew ta' isem jew deskrizzjoni ohra ghat-tgawdija ta' xi dritt ta' proprjeta' ma jkollha ebda effett.

"29[1] Ebda unur, ghotja jew dekorazzjoni, u ebda shubija fi, jew kariga f' xi ordni,[2] ma jkunu rikonoxxuti jekk ma humiex moghtija that dan l-Att, jew xi ligi ohra li tkun issehh f' dak iz-zmien jew jekk ma kienux jew ma humiex moghtija minn Stat Barrani jew Ordni Sovran li ghandu relazzjonijiet diplomatici ma' Malta, u jekk ma jigux moghtija bl-awtorita' bil-miktub tal-President ta' Malta moghtija fuq il-parir bil-miktub tal-Kabinett.

"29[4] Huwa d-dmir ta' kull ufficjal pubbliku jew awtorita' pubblika, u ta' kull korp imwaqqaf jew rikonoxxut mill-ligi u ta' kull imsieheb tieghu, li ma jirrikonoxxi b' ebda mod, u li ma jaghmel xejn li jista' jfisser rikonoxximent[3] ta', xi titolu

[2] Sottolinear ta' din il-Qorti
[3] Sottolinear ta' din il-Qorti

ta’ nobbilta’ jew xi unur, ghotja, dekorazzjoni, shubija jew kariga li ma humiex rikonoxxuti skond id-dispozizzjonijiet ta’ hawn fuq ta’ dan l-artikolu.”

**12.** Mill-premess johrog car li l-qrati civili ma jistghu jaghtu ebda ordni jew decizjoni li biha jkun qed jigi rikonoxxut anke implicitament titolu ta’ nobbilta`. Ghalhekk m’ghandhomx gurisdizzjoni jidhlu f’kwistjonijiet ta’ titoli jew ta’ karigi ta’ xi Ordni bhal dik in dizamina. Dan kien il-hsieb tal-Qorti tal-Appell meta fis-sentenza taghha tat-28 ta’ Gunju 2012 ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti li ddikjarat li, minhabba dak provdut fl-imsemmija ligi, hi ma kellhiex gurisdizzjoni biex tiehu konjizzjoni tat-talbiet tal-attur. Il-Qorti tal-Appell fissret il-hsieb taghha hekk:
“21. F’din il-kawza l-attur intavola l-proceduri odjerni filkwalita` tieghu ta’ Gran Mastru tal-Ordni u talab li jigi dikjarat li meta l-konvenuti pprestaw ruhhom bhala Vigarju Gran Mastru/Reggent u bhala Gran Kancillier tal-Ordni Ordo huma ghamlu hekk illegalment u abbuzivament stante li ma kienux awtorizzati.

“22. Illi minn dina t-talba jidher ovvju li biex il-Qorti tiddikjara illi l-konvenuti kienu qed jagixxu abbusivament il-Qorti trid jew taccetta bhala fatt pruvat li l-attur huwa l-Gran Mastru tal-Ordni imsemmija jew inkellha jkollha tissindika dik il-kwistjoni billi tezamina d-dokumenti ezibiti biex tara jekk dak li qed isostni l-attur, li huwa l-Gran Mastru, jirrizultax mid-dokumenti. Min-naha l-ohra biex il-Qorti tkun tista’ tordna li l-appellati sabiex jiddesistu milli jaghmluha ta’ Vigarju Gran Mastru/Reggent u bhala Gran Kancilleri bilfors trid tiddeciedi jekk kellhomx dritt jagixxu b’dak il-mod jew le. Meta l-Qorti taghmel hekk hija tkun fil-fatt qed tirrikonoxxi jew l-ghamil taghha jkun ifisser rikonoxximent tat-titolu jew kariga ta’ naha jew l-ohra, meta fil-fatt dan hija ma tistax taghmlu skont iddisposizzjoni 29(4) tal-Kap. 251.

“23. L-appellant jishaq li bhal kwalsijasi ghaqda ohra huwa ghandu dritt ghall-access ghall-Qorti sabiex jitlob dikjarazzjoni, f’kaz ta’ dizgwid bejn il-membri rigwardanti rregoli u l-istatut taghha, li l-konvenuti m’ghandhom l-ebda

dritt jintromettu ruhhom fit-tregija tal-ghaqda in kwistjoni b'mod abbuziv jew b'mezzi qarrieqa.

"24. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-kwistjoni hawnhekk m'hijiex semplicement wahda dwar l-istatut tal-Ordni u kif qed jitmexxa izda hija kwistjoni dwar min ghandu t-titolu ta' Gran Mastru, ta' Vigarju Gran Mastru/Reggent u Kancillier. Kif il-Qorti tiddeciedi naha jew l-ohra hi tkun qed tirrikonoxxi l-Ordni u t-titoli (jew nuqqas ta' titolu) ta' kull wiehed minnhom."

**13.** Fil-proceduri odjerni r-rikorrent jilmenta li din l-interpretazzjoni tal-artikoli fuq citati jilledu d-dritt tieghu ta' access ghal Qorti taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u l-Artikolu 39[2] tal-Kostituzzjoni, u jibqa' jsostni li l-vertenza li hemm bejn il-partijiet hija kwistjoni interna bejn il-membri tal-ghaqda li tista' tigi deciza mill-qrati.

**14.** Illi dwar l-analogija li saret mir-rikorrent ma' kwistjonijiet li jinqalghu f'ghaqdiet ohra, u l-poter tal-qrati civili li jinvestu tali kwistjonijiet, din il-Qorti tosserva li l-analogija ma treggix, stante li f'dan il-kaz, dak li r-rikorrent isejjah "ghaqda" hi fil-fatt Ordni li l-istatut taghha jikkontempla titoli u karigi li r-rikonoxximent taghhom minn awtorita` pubblika huwa eskluz b'ligi espressa, u l-qrati ma jistghux jiddeciedu fuq kwistjonijiet li b'xi mod jirrikonoxxu dawn it-titoli jew karigi. Fil-fatt, fil-kaz odjern, kif korrettament osservat il-Qorti tal-Appell, id-decizjoni tal-kwistjoni dwar jekk il-konvenuti Calleja u Formosa kienux qed jagixxu abbuzivament u llegalment, meta assumew il-kariga ta' Vikarju Gran Mastru/Reggent u Kancillier, twassal necessarjament ghar-rikonoxximent ta' dawn it-titoli [jew nuqqas taghhom], u bil-ligi, il-qrati ma jistghu jaghmlu xejn li jista' jfisser tali rikonoxximent.

**15.** Ghalhekk f'dan il-kaz ma jistax validament jinghad li r-rikorrent ghandu dritt civili, jew *arguable claim*, fit-termini tal-Artikolu 6, li jwassal sabiex il-pretenzjoni tieghu tigi determinata mill-qrati, ghax il-ligi espressament teskludi dan id-dritt bis-sahha tal-Artikolu 28 u 29 tal-Kap. 251, u b'mod partikolari l-Artikolu 29[4] fuq citat, u kif qalet l-

ewwel Qorti, ir-rikorrenti ma jistax jippretendi bhala dritt civili dak li l-ligi ma taghtihx.

**16.** Kif qalet din il-Qorti, diversament komposta, fil-kawza **Philip Bugeja Viani v. Avukat Generali**[4] li kkonfermat id-decizjoni tal-ewwel Qorti:

"Dak li effettivament qalet l-ewwel Qorti ... hu li t-titolu ta' nobbilta' ut sic [u ghalhekk indipendentement minn xi dritt ta' proprjeta' derivanti minn dak it-titolu, u li baqa' impregudikat in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 28[2] tal-Kap.251] gjaladarba ma hux rikonoxxut fis-sistema taghna [Artikolu 28[1] Kap.251] la jista' jkun 'possediment' fis-sens tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll, u anqas jista' jaghti lok ghal kontestazzjoni dwar 'a civil right or oblitagion'.[5]

**17.** Illi fl-aggravju tieghu, ir-rikorrent jiccita d-decizjoni li nghatat mill-Qorti Ewropeja fil-kawza **Osman v. UK**[6] in sostenn tas-sottomissjoni tieghu li *"f'certi kazijiet in-nuqqas ta' l-Istat li jirrikonoxxi dritt fil-fatt ukoll imur kontra r-rekwiziti tal-Artikolu 6[1]".* Il-Qorti tosserva li l-fattispecje ta' dak il-kaz kienu ghal kollox differenti minn dak tal-kaz odjern. Fil-kaz ***Osman*** il-Qorti Ewropeja dehrilha li, minkejja l-*exclusionary rule* applikata fis-sistema legali Ingliz, li taghti lill-pulizija fl-Ingilterra immunita` kontra azzjoni ghal negligenza, f'dak il-kaz partikolari, li kien jitratta dwar omicidju, tat lill-applikant dritt ta' access ghal qrati kontra l-pulizija, wara li osservat li f'dak il-kaz l-applikazzjoni ta' dik ir-regola kienet tikkostitwixxi restrizzjoni sproporzjonata fuq id-dritt tal-applikant ghal access ghal qrati. F'dak il-kaz gie indikat li din ir-regola fl-ligi domestika Ingliz mhijiex ta' applikazzjoni assoluta, u f'certu kazijiet ma gietx applikata. Ghal kuntrarju, fil-kaz odjern, il-projbizzjoni tar-rikonoxximent, anke implicitu, da parti ta' awtorita` pubblika ta' titoli jew karigi ta' nobbilta`, hija specifikament eskluza b'ligi espressa u ma tammetti ghal ebda eccezzjoni.

---

[4] Deciza 20 Frar 2009 – Appell nru.57/2006
[5] Sottolinear ta' din il-Qorti
[6] Deciza 28 Ottubru 1998 App.87/1997/871/1083

**18.** Ir-rikorrenti wkoll jiccita mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-7 ta’ Mejju 2010 fil-konfront ta’ Carmel Calleja, allura imputat. Fir-rigward, din il-Qorti tosserva li fil-kaz kriminali, il-kwistjoni kienet dwar il-falsita` o meno ta’ skrittura privata, u dik il-Qorti ma kellhiex quddiemha kwistjoni dwar titoli u lanqas kellha tiddeciedi dwarhom, filwaqt li fil-kaz odjern, il-Qorti giet adita proprju biex tiddeciedi dwar it-titoli u l-karigi li l-intimati qed juzaw u li bis-sahha taghhom qed jagixxu ghan-nom tal-Ordni.

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tieni aggravju*

**19.** Ir-rikorrent jilmenta minn dak osservat mill-ewwel Qorti fis-sens li t-titolu nobbiljari m’ghandux valur ekonomiku, u jghid li dan l-fattur *“ftit ghandu relevanza ghall-konsiderazzjoni ta’ dritt ta’ access ghall-qrati skond l-Artikolu 6[1]”.* Fir-rigward din il-Qorti tosserva li, ghalkemm obiter l-ewwel Qorti investiet il-punt jekk titolu ta’ nobbilta` jistax jitqies bhala possediment, izda minn qari tas-sentenza appellata jirrizulta car li l-argument principali li wassal lil dik il-Qorti ghad-decizjoni taghha kien il-fatt li, tenut kont tal-Artikoli 28 u 29 fuq citati, ir-rikorrent ma kellux dritt civili fil-ligi domestika li jirrendi applikabbli l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39[2] tal-Kostituzzjoni, u l-qrati huma prekluzi milli jaghmlu xi haga li tkun tfisser rikonoxximent ta’ titoli ta’ nobbilta`.

**20.** F’dan l-aggravju, ir-rikorrenti jghid ukoll *“Illi, pero` anke hawn, id-dritt illi l-esponent qieghed jipprova jenforza m’huwiex xi titolu nobbiljari, izda dritt li jmexxi din l-hekk imsejjha Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri.”* Il-Qorti tosserva li determinazzjoni ta’ din it-talba tekwivali ghal rikonoxximent tar-rikorrent bhala Gran Mastru. Inoltre, kif fuq ga` indikat, dak li qed jitlob ir-rikorrent fil-konfront tal-intimati huwa decizjoni li dawn m’ghandhomx dritt, li jipprestaw ruhhom bhala Vikarju Gran Mastru/Reggent, u Kancillier, u qed jitlob lil Qorti sabiex tinibihom milli jkomplu f’dan l-agir “abbuziv u illegali”. Fi kliem iehor il-Qorti giet mitluba tiddeciedi dwar titoli u karigi pretizi mill-intimati.

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

**Decide**

Ghaldaqstant tiddeciedi billi tichad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata.  L-ispejjez jkunu a karigu tar-rikorrent appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------